[45] ***Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3).***

Or. en

Emenda 661
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) F'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003[45], it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jistgħu jitwettqu fuq bażi volontarja, bi tluq taħt superviżjoni jew taħt skorta. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu t-trasferimenti volontarji billi jagħtu informazzjoni adegwata lill-persuna kkonċernata u jenħtieġ li jiżguraw li t-trasferimenti taħt superviżjoni jew taħt skorta jsiru b'mod uman, f'konformità sħiħa mad-drittjiet fundamentali u b'rispett għad-dinjità umana, kif ukoll fl-aħjar interessi tat-tfal u filwaqt li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi fil-ġurisprudenza relevanti, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasferimenti fuq bażijiet umanitarji.***	(61) F'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003[45], it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jistgħu jitwettqu fuq bażi volontarja, bi tluq taħt superviżjoni jew taħt skorta.
[45] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz, ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3.	[45] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz, ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3.

Or. fr

Emenda 662
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) F'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003[45], it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***jistgħu*** jitwettqu fuq bażi volontarja, bi tluq taħt superviżjoni jew taħt skorta. L-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu t-trasferimenti volontarji billi jagħtu informazzjoni adegwata lill-persuna kkonċernata u jenħtieġ li jiżguraw li t-trasferimenti taħt superviżjoni jew taħt skorta jsiru b'mod uman, f'konformità sħiħa mad-drittjiet fundamentali u b'rispett għad-dinjità umana, kif ukoll fl-aħjar interessi tat-tfal u filwaqt li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi fil-ġurisprudenza relevanti, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasferimenti fuq bażijiet umanitarji.	(61) F'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003[45], it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***għandhom*** jitwettqu fuq bażi volontarja, bi tluq taħt superviżjoni jew taħt skorta. L-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu t-trasferimenti volontarji billi jagħtu informazzjoni adegwata lill-persuna kkonċernata u jenħtieġ li jiżguraw li t-trasferimenti taħt superviżjoni jew taħt skorta jsiru b'mod uman, f'konformità sħiħa mad-drittjiet fundamentali u b'rispett għad-dinjità umana, kif ukoll fl-aħjar interessi tat-tfal u filwaqt li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi fil-ġurisprudenza relevanti, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasferimenti fuq bażijiet umanitarji.
[45] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3).	[45] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3).

Or. en

Emenda 663
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(62) Sabiex tiġi żgurata proċedura ta' rilokazzjoni ċara u effiċjenti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal Stat Membru benefiċjarju u għal Stat Membru kontribwenti. Ir-regoli u s-salvagwardji relatati mat-trasferimenti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għat-trasferimenti għall-finijiet ta' rilokazzjoni ħlief fejn dawn ma jkunux rilevanti għal tali proċedura.

imħassar

Or. en

Emenda 664
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) Sabiex tiġi żgurata proċedura ta' rilokazzjoni ċara u effiċjenti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal Stat Membru benefiċjarju u għal Stat Membru kontribwenti. Ir-regoli u s-salvagwardji relatati mat-trasferimenti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għat-trasferimenti għall-finijiet ta' rilokazzjoni ħlief fejn dawn ma jkunux rilevanti għal tali proċedura.	***imħassar***

Or. en

Emenda 665
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) Sabiex tiġi żgurata proċedura ta' rilokazzjoni ċara u effiċjenti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal Stat	(62) Sabiex tiġi żgurata proċedura ta' rilokazzjoni ċara u effiċjenti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal Stat

Membru benefiċjarju u għal Stat Membru kontribwenti. Ir-regoli u s-salvagwardji relatati mat-trasferimenti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għat-trasferimenti għall-finijiet ta' rilokazzjoni ħlief fejn dawn ma jkunux rilevanti għal tali proċedura.	Membru benefiċjarju u għal Stat Membru kontribwenti. Ir-regoli u s-salvagwardji relatati mat-trasferimenti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għat-trasferimenti għall-finijiet ta' rilokazzjoni ***lejn ċentri ta' akkoljenza ta' pajjiżi terzi sħab*** ħlief fejn dawn ma jkunux rilevanti għal tali proċedura.

Or. en

Emenda 666
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) ***Sabiex tiġi żgurata proċedura ta' rilokazzjoni ċara u effiċjenti***, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal Stat Membru benefiċjarju u għal Stat Membru kontribwenti. Ir-regoli u s-salvagwardji relatati mat-trasferimenti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għat-trasferimenti għall-finijiet ta' rilokazzjoni ħlief fejn dawn ma jkunux rilevanti għal tali proċedura.	(62) ***Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jirrilokaw volontarjament il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali***, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal Stat Membru benefiċjarju u għal Stat Membru kontribwenti. Ir-regoli u s-salvagwardji relatati mat-trasferimenti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għat-trasferimenti għall-finijiet ta' rilokazzjoni ***volontarja*** ħlief fejn dawn ma jkunux rilevanti għal tali proċedura.

Or. en

Emenda 667
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) Sabiex tiġi żgurata proċedura ta' rilokazzjoni ċara u effiċjenti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal Stat	(62) Sabiex tiġi żgurata proċedura ta' rilokazzjoni ċara u effiċjenti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal Stat

Membru benefiċjarju u għal Stat Membru kontribwenti. Ir-regoli u s-salvagwardji relatati mat-trasferimenti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għat-trasferimenti għall-finijiet ta' rilokazzjoni ***ħlief fejn dawn ma jkunux rilevanti għal tali proċedura***.	Membru benefiċjarju u għal Stat Membru kontribwenti. Ir-regoli u s-salvagwardji relatati mat-trasferimenti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għat-trasferimenti għall-finijiet ta' rilokazzjoni.

Or. en

Emenda 668
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) Sabiex tiġi żgurata proċedura ta' rilokazzjoni ċara u effiċjenti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal Stat Membru benefiċjarju u għal Stat Membru kontribwenti. Ir-regoli u s-salvagwardji relatati mat-trasferimenti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għat-trasferimenti għall-finijiet ta' rilokazzjoni ħlief fejn dawn ma jkunux rilevanti għal tali proċedura.	(62) Sabiex tiġi żgurata proċedura ta' rilokazzjoni ċara u effiċjenti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ***vinkolanti*** speċifiċi għal Stat Membru benefiċjarju u għal Stat Membru kontribwenti. Ir-regoli u s-salvagwardji relatati mat-trasferimenti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għat-trasferimenti għall-finijiet ta' rilokazzjoni ħlief fejn dawn ma jkunux rilevanti għal tali proċedura.

Or. en

Emenda 669
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri li jidħlu f'rilokazzjoni bħala miżura ta' solidarjetà, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni. Sabiex l-Istati Membri jiġu	(63) Biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri li jidħlu f'rilokazzjoni bħala miżura ta' solidarjetà, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni. Sabiex l-Istati Membri jiġu

inċentivati ***jagħtu prijorità lir-rilokazzjoni ta'*** minorenni mhux akkumpanjati, jenħtieġ li tiġi pprovduta kontribuzzjoni ta' inċentiv ogħla.

inċentivati ***jirrilokaw immedjatament*** minorenni mhux akkumpanjati***, persuni żbarkati wara missjonijiet ta' tiftix u salvataġġ u applikanti oħra f'sitwazzjoni vulnerabbli***, jenħtieġ li tiġi pprovduta kontribuzzjoni ta' inċentiv ogħla.

Or. en

Emenda 670
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri li jidħlu f'rilokazzjoni ***bħala miżura ta' solidarjetà***, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni. Sabiex l-Istati Membri jiġu inċentivati jagħtu prijorità lir-rilokazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati, jenħtieġ li tiġi pprovduta kontribuzzjoni ta' inċentiv ogħla.	(63) Biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri li jidħlu f'rilokazzjoni ***lejn ċentri ta' akkoljenza tal-pajjiżi terzi sħab***, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni. Sabiex l-Istati Membri jiġu inċentivati jagħtu prijorità lir-rilokazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati ***lejn ċentri ta' akkoljenza tal-pajjiżi terzi sħab***, jenħtieġ li tiġi pprovduta kontribuzzjoni ta' inċentiv ogħla.

Or. en

Emenda 671
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri li ***jidħlu f'rilokazzjoni bħala miżura*** ta' ***solidarjetà***, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni. Sabiex l-Istati Membri jiġu inċentivati jagħtu prijorità ***lir-rilokazzjoni*** ta' minorenni mhux akkumpanjati, jenħtieġ	(63) Biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri li ***jirċievu għadd ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fil-qafas tal-miżura*** ta' ***distribuzzjoni***, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni. Sabiex l-Istati Membri jiġu inċentivati jagħtu prijorità ***lid-***

li tiġi pprovduta kontribuzzjoni ta' inċentiv ogħla.	***distribuzzjoni*** ta' minorenni mhux akkumpanjati, jenħtieġ li tiġi pprovduta kontribuzzjoni ta' inċentiv ogħla.

Or. en

Emenda 672
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri li ***jidħlu f'rilokazzjoni bħala miżura ta' solidarjetà, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni. Sabiex l-Istati*** Membri ***jiġu inċentivati jagħtu prijorità lir-rilokazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati, jenħtieġ li tiġi pprovduta kontribuzzjoni ta' inċentiv ogħla***.	(63) Biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri li ***jesperjenzaw volumi kbar ta' qsim illegali tal-fruntieri, Stati*** Membri ***oħra jistgħu, jekk ikunu jixtiequ, jappoġġjaw b'fondi, persunal jew materjal l-isforz biex jitwaqqfu l-migrazzjoni irregolari u l-frodi fl-ażil***.

Or. en

Emenda 673
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri li jidħlu f'rilokazzjoni bħala miżura ta' solidarjetà, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni. Sabiex l-Istati Membri jiġu inċentivati jagħtu prijorità lir-rilokazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati, jenħtieġ li tiġi pprovduta kontribuzzjoni ta' inċentiv	(63) Biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri li jidħlu f'rilokazzjoni bħala miżura ta' solidarjetà, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju ***b'saħħtu*** mill-baġit tal-Unjoni. Sabiex l-Istati Membri jiġu inċentivati jagħtu prijorità lir-rilokazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati, jenħtieġ li tiġi pprovduta

ogħla.	kontribuzzjoni ta' inċentiv ogħla.

Or. en

Emenda 674
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri li ***jidħlu f'rilokazzjoni bħala*** miżura ta' solidarjetà, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni. ***Sabiex l-Istati*** Membri ***jiġu inċentivati jagħtu prijorità lir-rilokazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati,*** jenħtieġ li ***tiġi pprovduta kontribuzzjoni ta' inċentiv ogħla***.	(63) Biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri li ***jieħdu kwalunkwe*** miżura ta' solidarjetà, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni. ***L-isforzi għall-protezzjoni tal-fruntieri tal-Istati*** Membri***, inkluż il-finanzjament tal-ostakoli fiżiċi fil-fruntieri esterni*** jenħtieġ li ***jiġu appoġġjati finanzjarjament mill-baġit tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 675
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri li jidħlu f'rilokazzjoni ***bħala miżura ta' solidarjetà***, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni. Sabiex l-Istati Membri jiġu inċentivati jagħtu prijorità lir-rilokazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati, jenħtieġ li tiġi pprovduta kontribuzzjoni ta' inċentiv ogħla.	(63) Biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri li jidħlu f'rilokazzjoni, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni. Sabiex l-Istati Membri jiġu inċentivati jagħtu prijorità lir-rilokazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati, jenħtieġ li tiġi pprovduta kontribuzzjoni ta' inċentiv ogħla.

Or. en

Emenda 676
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 63a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(63a) Meta jipproponu l-ammont ta' kontribuzzjonijiet ta' rilokazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-appoġġ għar-rilokazzjoni offrut mill-bliet u r-reġjuni, billi r-rilokazzjoni u l-integrazzjoni jiddependu prinċipalment mill-atturi fil-livell lokali; huma għalhekk atturi ewlenin fil-kisba ta' solidarjetà sinifikattiva u trajettorji ta' rilokazzjoni ta' suċċess.

Or. en

Emenda 677
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 63b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(63b) Meta l-Istati Membri jirċievu appoġġ finanzjarju għar-rilokazzjoni, b'mod partikolari f'konformità mal-Artikolu 72(2) ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet lokali u reġjonali li jappoġġjaw il-proċess ta' rilokazzjoni jibbenefikaw minn dan l-appoġġ finanzjarju. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri biex jappoġġjaw lil dawn l-awtoritajiet lokali u reġjonali, bħall-għoti ta' informazzjoni, appoġġ tekniku, u t-tnaqqis tal-ostakoli amministrattivi bla bżonn.

Or. en

Emenda 678
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 63c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(63c) Meta jitqies ir-rwol kruċjali li għandhom l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qasam tar-rilokazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li dawk l-awtoritajiet lokali, li jixtiequ hekk, ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-proċess ta' rilokazzjoni.

Or. en

Emenda 679
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tkun iffaċilitata, u l-effikaċja tiegħu tista' tiżdied, b'arranġamenti bilaterali bejn Stati Membri biex titjieb il-komunikazzjoni bejn id-dipartimenti kompetenti***, filwaqt li jitnaqqsu l-limiti ta' żmien għal proċeduri jew*** għas-simplifikazzjoni tal-ipproċessar ta' talbiet biex tittieħed ir-responsabilità ***jew notifiki ta' teħid lura, jew l-istabbiliment ta' proċeduri għat-twettiq ta' trasferimenti***.	(64) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tkun iffaċilitata, u l-effikaċja tiegħu tista' tiżdied, b'arranġamenti bilaterali bejn Stati Membri biex titjieb il-komunikazzjoni bejn id-dipartimenti kompetenti ***u*** għas-simplifikazzjoni tal-ipproċessar ta' talbiet biex tittieħed ir-responsabilità.

Or. en

Emenda 680
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tkun iffaċilitata, u l-effikaċja tiegħu tista' tiżdied, b'arranġamenti bilaterali bejn Stati Membri biex titjieb il-komunikazzjoni bejn id-dipartimenti kompetenti***, filwaqt li jitnaqqsu l-limiti ta' żmien għal proċeduri jew*** għas-simplifikazzjoni tal-ipproċessar ta' talbiet biex tittieħed ir-responsabilità ***jew notifiki ta' teħid lura, jew l-istabbiliment ta' proċeduri għat-twettiq ta' trasferimenti***.	(64) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tkun iffaċilitata, u l-effikaċja tiegħu tista' tiżdied, b'arranġamenti bilaterali bejn Stati Membri biex titjieb il-komunikazzjoni bejn id-dipartimenti kompetenti ***u*** għas-simplifikazzjoni tal-ipproċessar ta' talbiet biex tittieħed ir-responsabilità.

Or. en

Emenda 681
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari, Peter Kofod

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tkun iffaċilitata, u l-effikaċja tiegħu tista' tiżdied, b'arranġamenti bilaterali bejn Stati Membri ***biex titjieb il-komunikazzjoni bejn id-dipartimenti kompetenti, filwaqt li jitnaqqsu l-limiti ta' żmien għal proċeduri jew għas-simplifikazzjoni tal-ipproċessar ta' talbiet biex tittieħed ir-responsabilità jew notifiki ta' teħid lura, jew l-istabbiliment ta' proċeduri għat-twettiq ta' trasferimenti***.	(64) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tkun iffaċilitata, u l-effikaċja tiegħu tista' tiżdied, b'arranġamenti bilaterali ***jew multilaterali*** bejn Stati Membri, ***jew l-Unjoni Ewropea, u pajjiżi terzi sħab li jistabbilixxu l-modi li bihom iċ-ċentri ta' akkoljenza huma operati, iffinanzjati u rregolati fil-pajjiż terz sieħeb***.

Or. en

Emenda 682

Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tkun iffaċilitata, u l-effikaċja tiegħu tista' tiżdied, b'arranġamenti bilaterali bejn Stati Membri biex titjieb il-komunikazzjoni bejn id-dipartimenti kompetenti, filwaqt li jitnaqqsu l-limiti ta' żmien għal proċeduri jew għas-simplifikazzjoni tal-ipproċessar ta' talbiet biex tittieħed ir-responsabilità jew ***notifiki*** ta' teħid lura, jew l-istabbiliment ta' proċeduri għat-twettiq ta' trasferimenti.	(64) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tkun iffaċilitata, u l-effikaċja tiegħu tista' tiżdied, b'arranġamenti bilaterali bejn Stati Membri biex titjieb il-komunikazzjoni bejn id-dipartimenti kompetenti, filwaqt li jitnaqqsu l-limiti ta' żmien għal proċeduri jew għas-simplifikazzjoni tal-ipproċessar ta' talbiet biex tittieħed ir-responsabilità jew ***talbiet*** ta' teħid lura, jew l-istabbiliment ta' proċeduri għat-twettiq ta' trasferimenti.

Or. en

Emenda 683
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(65) Jenħtieġ li tiġi żgurata kontinwità bejn is-sistema biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 604/2013 u s-sistema stabbilita b'dan ir-Regolament. Bl-istess mod, jenħtieġ li tiġi żgurata l-konsistenza bejn dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac].	***imħassar***

Or. en

Emenda 684

Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(65) Jenħtieġ li tiġi żgurata ***kontinwità bejn is-sistema*** biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 604/2013 ***u s-sistema stabbilita b'dan ir-Regolament***. ***Bl-istess mod, jenħtieġ li tiġi żgurata l-konsistenza bejn dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac].***	(65) Jenħtieġ li tiġi żgurata ***l-kontinwità tas-sistema*** biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 604/2013.

Or. en

Emenda 685
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(66) Jenħtieġ li jiġi stabbilit network ta' awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u dan jenħtieġ li jiġi ffaċilitat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil biex tissaħħaħ il-koperazzjoni prattika u l-kondivižjoni tal-informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż l-iżvilupp ta' għodod prattiċi u gwida.	***imħassar***

Or. en

Emenda 686
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(66) Jenħtieġ li jiġi stabbilit network ta' awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u dan jenħtieġ li jiġi ffaċilitat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Użu biex tissaħħaħ il-koperazzjoni prattika u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż l-iżvilupp ta' għodod prattiċi u gwida.	(66) Jenħtieġ li jiġi stabbilit network ta' awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u dan jenħtieġ li jiġi ffaċilitat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Użu biex tissaħħaħ il-koperazzjoni prattika u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż l-iżvilupp ta' għodod prattiċi u gwida. ***In-network jenħtieġ li jorganizza laqgħat regolari biex jissaħħu l-bini tal-fiduċja u l-fehim komuni tal-isfidi tal-implimentazzjoni tas-SEKA fl-Istati Membri differenti.***

Or. en

Emenda 687
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(66) Jenħtieġ li ***jiġi stabbilit network ta' awtoritajiet*** kompetenti tal-Istati Membri ***u dan jenħtieġ li jiġi ffaċilitat*** mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Użu biex tissaħħaħ il-koperazzjoni prattika u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż l-iżvilupp ta' għodod prattiċi u gwida.	(66) Jenħtieġ li ***l-awtoritajiet*** kompetenti tal-Istati Membri***, assistiti*** mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Użu biex tissaħħaħ il-koperazzjoni prattika u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż l-iżvilupp ta' għodod prattiċi***, gwida u l-aħjar prattiki, speċjalment fir-rigward tal-istabbiliment ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi sħab li lesti jospitaw ċentri ta' akkoljenza fit-territorju tagħhom***.

Or. en

Emenda 688
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Premessa 66a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(66a) Jenħtieġ li tiġi stabbilita wkoll sistema ta' trażmissjoni u komunikazzjoni elettronika komuni u sigura biex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 689
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) L-operazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, kif stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46], u b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-Artikoli 21 u 22 tiegħu, jenħtieġ li tiffaċilita l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***
[46] Ir-Regulation (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60.	

Or. en

Emenda 690
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) L-operazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, kif stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46], u b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-Artikoli 21 u 22 tiegħu, jenħtieġ li tiffaċilita l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***
[46] Ir-Regulation (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60.	

Or. en

Emenda 691
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) L-operazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, kif stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46]***, u b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-Artikoli 21 u 22 tiegħu,*** jenħtieġ li tiffaċilita ***l-applikazzjoni ta' dan ir-***	(68) L-operazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, kif stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46], jenħtieġ li tiffaċilita ***l-ħidma importanti ta' sigurtà tal-fruntieri għall-Istati Membri***.

Regolament.

[46] Ir-Regulation (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60.	[46] Ir-Regulation (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60.

Or. en

Emenda 692
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 69

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(69) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, Stati Membri huma marbuta bl-obbligi tagħhom taħt strumenti tad-dritt internazzjonali, inkluż il-każistika rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.	***imħassar***

Or. en

Emenda 693
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 69

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(69) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, Stati Membri huma	(69) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, Stati Membri huma

marbuta bl-obbligi tagħhom taħt strumenti tad-dritt internazzjonali, inkluż il-każistika rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.	marbuta bl-obbligi tagħhom ***primarjament liċ-ċittadini tagħhom stess biex jiżguraw l-istat tad-dritt, ambjent sikur u sigur, il-protezzjoni tal-kultura tagħhom u l-istil tal-ħajja Ewropew*** taħt strumenti tad-dritt internazzjonali, inkluż il-każistika rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**.**

Or. en

Emenda 694
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 69

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(69) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, Stati Membri huma marbuta bl-obbligi tagħhom taħt strumenti tad-dritt internazzjonali, inkluż il-każistika rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.	(69) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, Stati Membri huma marbuta bl-obbligi tagħhom taħt strumenti tad-dritt internazzjonali, inkluż il-każistika rilevanti tal-Qorti ***tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti*** Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Or. en

Emenda 695
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(70) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47] japplika għall-ipproċessar tad-data personali mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament. L-Istati Membri jenħtieġ li jimplimentaw miżuri tekniċi u	(70) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47] japplika għall-ipproċessar tad-data personali mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament. L-Istati Membri jenħtieġ li jimplimentaw miżuri tekniċi u

organizzazzjonali xierqa biex jiżguraw u jkunu jistgħu juru li l-ipproċessar ikun qed jitwettaq skont dan ir-Regolament u skont id-dispożizzjonijiet li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tiegħu f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari dawn il-miżuri jenħtieġ li jiżguraw is-sigurtà tad-data personali pproċessata skont dan ir-Regolament u b'mod partikolari biex jiġi evitat l-aċċess jew id-divulgazzjoni illegali jew mhux awtorizzati, it-tibdil jew it-telf tad-data personali pproċessata. L-awtorità jew l-awtoritajiet superviżorji kompetenti ta' kull Stat Membru jenħtieġ li jimmonitorjaw il-legalità tal-ipproċessar tad-data personali mill-awtoritajiet ikkonċernati, inkluż it-trażmissjoni lill-awtoritajiet kompetenti għat-twettiq tal-kontrolli tas-sigurtà.	organizzazzjonali xierqa biex jiżguraw u jkunu jistgħu juru li l-ipproċessar ikun qed jitwettaq skont dan ir-Regolament u skont id-dispożizzjonijiet li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tiegħu f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari dawn il-miżuri jenħtieġ li jiżguraw is-sigurtà tad-data personali pproċessata skont dan ir-Regolament u b'mod partikolari biex jiġi evitat l-aċċess jew id-divulgazzjoni illegali jew mhux awtorizzati, it-tibdil jew it-telf tad-data personali pproċessata. ***B'mod partikolari, is-suġġetti tad-data jenħtieġ li jiġu nnotifikati mingħajr dewmien żejjed meta inċident tas-sigurtà x'aktarx li jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tagħhom.*** L-awtorità jew l-awtoritajiet superviżorji kompetenti ta' kull Stat Membru jenħtieġ li jimmonitorjaw il-legalità tal-ipproċessar tad-data personali mill-awtoritajiet ikkonċernati, inkluż it-trażmissjoni lill-awtoritajiet kompetenti għat-twettiq tal-kontrolli tas-sigurtà.
[47] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).	[47] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Or. en

Emenda 696
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(70) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47] japplika għall-ipproċessar tad-data personali mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament. L-Istati Membri jenħtieġ li jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa biex jiżguraw u jkunu jistgħu juru li l-ipproċessar ikun qed jitwettaq skont dan ir-Regolament u skont id-dispożizzjonijiet li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tiegħu f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari dawn il-miżuri jenħtieġ li jiżguraw is-sigurtà tad-data personali pproċessata skont dan ir-Regolament u b'mod partikolari biex jiġi evitat l-aċċess jew id-divulgazzjoni illegali jew mhux awtorizzati, it-tibdil jew it-telf tad-data personali pproċessata. L-awtorità jew l-awtoritajiet superviżorji kompetenti ta' kull Stat Membru jenħtieġ li jimmonitorjaw il-legalità tal-ipproċessar tad-data personali mill-awtoritajiet ikkonċernati, inkluż it-trażmissjoni lill-awtoritajiet kompetenti għat-twettiq tal-kontrolli tas-sigurtà.	(70) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47] japplika għall-ipproċessar tad-data personali mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament. L-Istati Membri jenħtieġ li jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa biex jiżguraw u jkunu jistgħu juru li l-ipproċessar ikun qed jitwettaq skont dan ir-Regolament u skont id-dispożizzjonijiet li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tiegħu f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari dawn il-miżuri jenħtieġ li jiżguraw is-sigurtà tad-data personali pproċessata skont dan ir-Regolament u b'mod partikolari biex jiġi evitat l-aċċess jew id-divulgazzjoni illegali jew mhux awtorizzati, it-tibdil jew it-telf tad-data personali pproċessata. L-awtorità jew l-awtoritajiet superviżorji kompetenti ta' kull Stat Membru jenħtieġ li jimmonitorjaw il-legalità tal-ipproċessar tad-data personali mill-awtoritajiet ikkonċernati, inkluż it-trażmissjoni lill-awtoritajiet kompetenti għat-twettiq tal-kontrolli tas-sigurtà. ***B'mod partikolari, is-suġġetti tad-data jenħtieġ li jiġu nnotifikati mingħajr dewmien żejjed meta inċident tas-sigurtà x'aktarx li jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tagħhom.***
[47] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).	[47] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Or. en

Emenda 697
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 70a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(70a) L-informazzjoni dwar l-applikanti fl-Unjoni tista' tkun potenzjalment ta' valur għall-awtoritajiet fil-pajjiż terz li minnu l-applikanti jkunu telqu biex ifittxu protezzjoni internazzjonali. Minħabba t-theddida akbar għas-sistemi ta' informazzjoni tal-Unjoni minn pajjiżi terzi, l-Istati Membri kif ukoll l-aġenziji tal-Unjoni responsabbli jenħtieġ li jieħdu l-miżuri proporzjonati u meħtieġa kollha biex jiżguraw li d-data personali kollha tinħażen b'mod sigur.

Or. en

Emenda 698
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 70a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(70a) L-Istati Membri kif ukoll l-aġenziji tal-Unjoni jenħtieġ li jieħdu l-miżuri proporzjonati u meħtieġa kollha biex jiżguraw li d-data tinħażen b'mod sigur.

Or. en

Emenda 699
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(71) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48].	***imħassar***
[48] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.	

Or. en

Emenda 700
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(72) Il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tintuża għall-adozzjoni ta' formola standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti dwar minorenni mhux akkumpanjati; ta' kundizzjonjiiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar minorenni u persuni dipendenti; ta' kundizzjonjiet uniformi dwar it-tħejjija u s-sottomissjoni ta' talbiet biex tittieħed ir-responsabbiltà u notifikazzjonijiet ta' talbiet għal teħid lura; ta' żewġ listi ta' elementi relevanti ta' evidenza u evidenza ċirkostanzjali, u r-reviżjoni perjodika	***imħassar***

tagħhom; ta' laissez-passer; ta' kundizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward ta' trasferimenti; ta' formola standard għall-iskambju ta' data qabel trasferiment; ta' ċerifikat tas-saħħa komuni; ta' kundizzjonijiet uniformi u arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni dwar id-data dwar is-saħħa tal-persuna qabel trasferiment, u ta' mezzi siguri ta' trażmissjoni elettronika għat-trażmissjoni ta' talbiet.

Or. en

Emenda 701
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(72) Il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tintuża għall-adozzjoni ta' formola standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti dwar minorenni mhux akkumpanjati; ta' ***kundizzjonjiiet*** uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar minorenni u persuni dipendenti; ta' ***kundizzjonjiet*** uniformi dwar it-tħejjija u s-sottomissjoni ta' talbiet biex tittieħed ir-responsabbiltà u notifikazzjonijiet ta' talbiet għal teħid lura; ta' żewġ listi ta' elementi relevanti ta' evidenza u evidenza ċirkostanzjali, u r-reviżjoni perjodika tagħhom; ta' laissez-passer; ta' kundizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward ta' trasferimenti; ta' formola standard għall-iskambju ta' data qabel trasferiment; ta' ***ċerifikat*** tas-saħħa komuni; ta' kundizzjonijiet uniformi u arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni dwar id-data dwar is-saħħa tal-persuna qabel trasferiment, u ta' mezzi	(72) Il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tintuża għall-adozzjoni ta' formola standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti dwar minorenni mhux akkumpanjati; ta' ***kundizzjonijiet*** uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar minorenni u persuni dipendenti; ta' ***kundizzjonijiet*** uniformi dwar it-tħejjija u s-sottomissjoni ta' talbiet biex tittieħed ir-responsabbiltà u notifikazzjonijiet ta' talbiet għal teħid lura; ta' żewġ listi ta' elementi relevanti ta' evidenza u evidenza ċirkostanzjali, u r-reviżjoni perjodika tagħhom; ta' kundizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward ta' trasferimenti ***lejn ċentru ta' akkoljenza ta' pajjiż terz sieħeb***; ta' formola standard għall-iskambju ta' data qabel trasferiment ***lejn ċentru ta' akkoljenza ta' pajjiż terz sieħeb***; ta' ***ċertifikat*** tas-saħħa komuni; ta' kundizzjonijiet uniformi u arranġamenti

siguri ta' trażmissjoni elettronika għat-trażmissjoni ta' talbiet.	prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni dwar id-data dwar is-saħħa tal-persuna qabel trasferiment ***lejn ċentru ta' akkoljenza ta' pajjiż terz sieħeb***, u ta' mezzi siguri ta' trażmissjoni elettronika għat-trażmissjoni ta' talbiet.

Or. en

Emenda 702
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(72) Il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tintuża għall-adozzjoni ta' formola standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti dwar minorenni mhux akkumpanjati; ta' ***kundizzjonjiiet*** uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar minorenni u persuni dipendenti; ta' ***kundizzjonjiet*** uniformi dwar it-tħejjija u s-sottomissjoni ta' talbiet biex tittieħed ir-responsabbiltà u ***notifikazzjonijiet ta'*** talbiet għal teħid lura; ***ta' żewġ listi ta' elementi relevanti ta' evidenza u evidenza ċirkostanzjali, u r-reviżjoni perjodika tagħhom; ta' laissez-passer***; ta' kundizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward ta' trasferimenti; ta' formola standard għall-iskambju ta' data qabel trasferiment; ta' ***ċerifikat*** tas-saħħa komuni; ta' kundizzjonijiet uniformi u arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni dwar id-data dwar is-saħħa tal-persuna qabel trasferiment, u ta' mezzi siguri ta' trażmissjoni elettronika għat-trażmissjoni ta' talbiet.	(72) Il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tintuża għall-adozzjoni ta' formola standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti dwar minorenni mhux akkumpanjati; ta' ***kundizzjonijiet*** uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar minorenni u persuni dipendenti; ta' ***kundizzjonijiet*** uniformi dwar it-tħejjija u s-sottomissjoni ta' talbiet biex tittieħed ir-responsabbiltà u talbiet għal teħid lura; ta' kundizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward ta' trasferimenti; ta' formola standard għall-iskambju ta' data qabel trasferiment; ta' ***ċertifikat*** tas-saħħa komuni; ta' kundizzjonijiet uniformi u arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni dwar id-data dwar is-saħħa tal-persuna qabel trasferiment, u ta' mezzi siguri ta' trażmissjoni elettronika għat-trażmissjoni ta' talbiet.

Or. en

Emenda 703
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
